# UFFIĊĊJU STAMPA

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971

10 ta' Mejju 2005

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 78/2005

## KUNGRESS EWKARISTIKU NAZZJONALI FL-OKKAŻJONI TAS-SENA TA' L-EWKARISTIJA

Fl-okkażjoni tas-Sena ta' l-Ewkaristija, l-Arċidjoċesi ta' Malta u d-Djoċesi ta' Għawdex se jorganizaw Kungress Ewkaristiku Nazzjonali li jilħaq il-quċċata tiegħu b'ċelebrazzjoni fuq il-Fosos tal-Floriana, nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju 2005, fis-7.30 p.m. bis-sehem ta' l-Isqfijiet.

Il-programm ta' l-attivitajiet f'Malta jiftaħ uffiċjalment nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju, b'Quddiesa fil-KonKattidral ta' San Ġwann fis-6.00 p.m. Wara l-Quddiesa ssir purċissjoni li tgħaddi minn Pjazza San Ġwann, Triq il-Merkanti, Triq Nofsinhar, Triq ir-Repubblika, Triq l-Arċisqof, Triq il-Merkanti u lura għall-Pjazza San Ġwann. Hemmhekk tingħata l-barka Sagramentali. Mistiedna speċjali se jkunu l-komunitajiet kollha tal-belt Valletta u rappreżentanza minn kull parroċċa li tinkludi tifel/tifla tal-preċett u l-ġenituri, ministru straordinarju tat-tqarbin, rappreżentant tal-abbatini, rappreżentant tal-fratellanza tas-sagrament u rappreżentant tal-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali.

**Laqgħat għas-saċerdoti, reliġjużi nisa u lajċi**

Il-Kungress f'Malta jkompli b'sitt ta' laqgħat għas-saċerdoti, reliġjużi nisa u lajċi fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, tal-Virtu', mit-Tnejn, 30 ta' Mejju, sal-Ħamis, 2 ta' Ġunju. Il-laqgħat għas-saċerdoti jkunu fit-30 u l-31 ta' Mejju filgħodu, għar-reluġjużi nisa fit-30 u l-31 ta' Mejju filgħaxija, u għal-lajċi fl-1 u t-2 ta' Ġunju filgħġaxija. Il-kelliem mistieden se jkun Don Maurizio Barba, saċerdot Taljan li sa mill-1999 huwa uffiċjal tal-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u għad-Dixxiplina tas-Sagramenti, u li fl-2002 beda jgħallem fl-Istitut Liturġiku, Ruma.

It-Tnejn, 30 ta' Mejju, filgħodu jkun hemm attivita' għas-saċerdoti, waqt li filgħaxija ssir attivita' għar-reliġjużi nisa. Il-programm ta' filgħodu, li jkun bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar, jinkludi taħdita minn Don Maurizio Barba dwar "*La novita' della terza edizione tipica del Messale Romano*". Ikun hemm ukoll DVD bl-istorja tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta u tinfetaħ wirja ta' arti kontemporanja dwar l-Ewkaristija. Il-programm ta' filgħaxija, li jkun mill-5.30 p.m. sat-8.00 p.m., jinkludi talb animat mis-Soċjeta' tal-MUSEUM u l-kor tas-Sorijiet Agostinjani, taħdita minn Don Barba dwar "*L'Eucaristia culmine e fonte della vita consacrata"* bi traduzzjoni fil-Malti, kant mis-Sorijiet Agostinjani u DVD bl-istorja tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta.

It-Tlieta, 31 ta' Mejju, ikun hemm żewġ attivitajiet ukoll. L-attivita' ta' filgħodu, li tkun għas-saċerdoti, tinkludi taħdita minn Don Barba dwar "*Partecipazione attiva nei riti d'ingresso, di offertorio e di comunione",* ħin għal mistoqsijiet u qsim ta' esperjenzi. L-għeluq isir minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Il-programm ta' filgħaxija, għar-reliġjużi nisa, ikun bejn il-5.10 p.m. u t-8.00 p.m.. Filgħaxija jkun hemm għasar kantat u animat mis-Sorijiet Orsolini, taħdita minn Monsinjur Charles J Scicluna dwar *"L-Ewkaristija fil-ħajja tal-Beati u Servi ta' Alla Maltin",* ħin għal mistoqsijiet u esperjenzi u għeluq minn Monsinjur Arċisqof.

L-Erbgħa, 1 ta' Ġunju, ikun hemm attivita' għal-lajċi bejn is-6.30 p.m. u d-9.00 p.m. Il-programm jinkludi talb bis-sehem tal-kor *Shalom* tal-Mosta, taħdita minn Monsinjur Charles J Scicluna dwar *"L-Ewkaristija fil-ħajja tal-Beati u Servi ta' Alla Maltin" u* DVD bl-istorja tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta.

Il-Ħamis, 2 ta' Ġunju jkun hemm attivita' oħra għal-lajċi bejn is-6.30 p.m. u d-9.00 p.m. Il-programm jinkludi talb imħejji mis-Soċjeta' tal-MUSEUM bis-sehem tal-kor *In canto* ta' Santa Luċija,taħdita minn Don Barba dwar "*Eucaristia fa la Chiesa, la Chiesa fa l'Eucaristia"* bi traduzzjoni fil-Malti. L-għeluq isir minn Monsinjur Arċisqof.

Bħala parti mill-attivitajiet ta' l-okkażjoni se ssir ukoll laqgħa għat-tfal, nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju, fl-10.00 a.m. fil-Knisja ta' Santa Tereża, Birkirkara. Il-laqgħa se titmexxa minn Dun Raphael Pace, li jmexxi programm għat-tfal fuq Radju RTK. Jattendi wkoll Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

**Messaġġ ta' l-Arċisqof**

Messaġġ ta' Mons. Arċisqof dwar il-Kungress Ewkaristiku jfakkar dak li qal il-Papa Benedittu XVI fl-ewwel omelija għamel fil-Kappella Sistina. Waqt li jsemmi li , b'mod sinifikattiv, il-Pontifikat tiegħu beda hekk kif il-Knisja qed tgħix is-sena speċjali ddedikata lill-Ewkaristija, il-Papa jfakkar li l-Ewkaristija hija l-qalba tal-ħajja Kristjana, l-għajn tal-missjoni evanġelika tal-Knisja, il-fus permanenti u s-sors tas-servizz petrin fdat lilu.

Il-Papa Benedottu XVI qal li għalhekk, matul din is-sena, is-Solennita' tal-Ġisem ta' Kristu trid tiġi ċċelebrata b'mod partikulari u speċjali. "Nitlob lil kulħadd sabiex fix-xhur li ġejjin jintensifika l-imħabba u d-devozzjoni lejn Ġesu' Ewkaristija, u nitlobkom sabiex tesprimu l-preżenza reali tal-Mulej b'mod ċar u kuraġġuż, fuq kollox permezz tas-solennita' taċ-ċelebrazzjonijiet."

Mons. Arċisqof qal li, għaldaqstant, huwa jħeġġeġ lis-saċerdoti, reliġjużi u lajċi biex jieħdu sehem sħiħ fil-Kungress Ewkaristiku li se jiġi organizzat f'Malta. Minbarra l-laqgħat li se jsiru fis-Seminarju tal-Virtu', "nixtieq li kulħadd jieħu sehem fil-Quddiesa ta' l-għeluq tal-Kungress li se ssir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju fuq il-Fosos, il-Floriana fis-7.30 p.m."

Fil-Knejjes kollha, tul il-Ħdud tax-xahar ta' Mejju qed tingħad talba għas-Sena tal-Ewkaristija.